MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2014

Numru 1219/2013

Il-Pulizija

(Spettur Jonathan Ransley)

vs

Samuel Borg

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat residenti San Gwann bil-karta tal-identita' 434286M akkuzat talli bejn il-lejl tat-08 ta' Dicembru 2013 u d-09 ta' Dicembru 2013 ix-Xatt ta' tax-Xbiex, Tax-Xbiex:

1. Ikkometta serq ta'flus minn go restaurant bl-isem ta' Black Pearl ghad-detriment ta' Joseph Sammut u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravate bil-mezz, bil-hin, u bil-valur li ma jeccedix is-somma ta'elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);
2. Volotarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamel hsara fuq il-cash register ghad-detriment ta' Joseph Sammut u/jew persuna

ohra, liema hsara hija izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

3. Ukoll talli sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definitive u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra;

Rat ir-rinviju ghall-gudizju tal-Avukat Generali permezz ta’ liema bghat lill-imputat sabiex jigi ggudikat minn dina l-Qorti dwar il-htija jew nuqqas taghha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni insista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputazzjonijiet jipprospettaw s-serq aggravate bil-mezz, valur u hin, il-hsara volontarja u r-recidiva. L-ammissjoni hi fil-konfront taghhom maghmula volontarjament u inkondizzjonatament.

Rat l-Artikolu 261 (b)(c)(f), 263 (a), 264, 267, 270, 278 (1)(2)(3), 279(a), 280 (2), 325 (1)(b), 289, 49, 50 u 17 tal-Kap 9.

In vista tad-dikjarazzjoni tal-ufficjal prosekutur li kkonferma li l-imputat dahal isegwi program rijabilattiv kontra l-vizzju tad-droga tiddeciedi li tapplika fil-konfront tieghu l-Artiklu 7 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni espressa li dan il-program jitterminah b’success.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------